# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 44/14 TM**

**Dr Joseph Giglio bhala mandatarju specjali ta' Rakhat Shoraz maghruf bhala Rakhat M Aliyev u Elnara Shorazova**

**v.**

**Avukat Generali; u Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali u Ministru ghall-Gustizzja**

**Preliminari:**

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed mill-konvenuti Avukat Generali u l-Ministru ghall-intern u Sigurta` Nazzjonali [l-Ministru] u iehor mill-attrici Elnara Shorazova kif rapprezentata f'dawn il-proceduri mill-Avukat Dottor Joseph Giglio, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fil-

5 ta' Ottubru 2017 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

> "(i) Tordna li d-dokumentazzjoni li ngabet sa issa u li ghadha fil-pussess tal-awtoritajiet Maltin, ma tintbaghatx lejn Kazakhstan peress li ingabret bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;
>
> "(ii) Tordna it-twaqqif b'mod immedjat ta' kull ghajnuna li l-awtoritajiet Maltin intalbu jaghtu marbuta mal-investigazzjoni fil-konfront ta' illum mejjet Rakhat Shoraz maghruf bhala Rakhat Aliyev; u
>
> "(iii) Tippermetti lill-awtorità Maltija tkompli toffri l-assistenza taghha u tibghat lejn Kazakhstan dokumentazzjoni li tingabar relatati mal-investigazzjoni li qed issir fil-konfront ta' Elnara Shorazova, b'dan li fil-gbir ta' din l-informazzjoni, l-imsemmija Shorazova ghandha titqies bhala akkuzata ghall-fini u effetti kollha tal-ligi kif hekk sar qbil b'verbal tal-10 ta' Ottubru 2012;
>
> "(iv) Tillibera lill-Ministru ghall-Gustizzja mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet".

<u>Mertu</u>

2. Il-fatti tal-kaz jinsabu delineati adegwatament fis-sentenza appellata. Bazikament il-kontestazzjoni tal-attrici illum [ghax l-attur miet fil-mori tal-proceduri] hi li l-informazzjoni migbura mill-awtoritajiet Maltin, fuq talba tal-Kazakhstan bhala firmatarji tal-*United Nations Convention Against Transnational Organized Crime*, [Konvenzjoni UN] saret bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], u ghalhekk l-attrici qed titlob dikjarazzjoni f'dan is-sens u li taghti ordni sabiex l-

informazzjoni gia’ migbura u ghadha ma ntbghatitx il-Kazakhstan, ma tintbaghatx lil dak il-pajjiz.

3. Jirrizulta li fis-27 ta’ Frar 2014 giet pubblikata ordni ta’ frizar tal-assi tal-atturi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta], u permezz ta’ digriet[1] moghti mill-ewwel Qorti fl-10 ta’ Ottubru 2014 u fuq talba taz-zewg partijiet, gie dikjarat *inter alia* li l-atturi ghandhom jitqiesu bhala akkuzati fi proceduri kriminali li kienu nbdew kontra taghhom fil-Kazakhstan. Ghalhekk, filwaqt li inizjalment il-Qorti Kriminali lokali kienet harget ordni ta’ investigazzjoni u sekwestru fir-rigward tal-atturi, sussegwentement bdew il-proceduri kriminali fil-Kazakhstan fejn l-atturi gew mixljia b’diversi akkuzi serji, fosthom ir-reat ta’ hasil ta’ flus, u ghalhekk il-pozizzjoni legali taghhom inbidlet ghax minn dak in-nhar bdew jitqiesu bhala persuni akkuzati, u ghaldaqstant fil-process ghaddej quddiem il-qrati Maltin dwar il-gbir ta’ informazzjoni, l-atturi qed isostnu li huma intitolati ghall-garanziji u salvagwardji kostituzzjonali u konvenzjonali taht il-ligi malitja, fosthom dak ta’ smigh xieraq.

4. Fir-rikors promotur l-atturi talbu li din l-Qorti sabiex:

> “1. Tiddikjara li l-proceduri istitwiti mill-Avukat Generali fuq talba tal-awtoritajiet tal-Kazakhstan jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, senjatament dak ta' smiegh xieraq sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u d-dritt ta' tgawdija tal-propjetà sanciti inter alia fl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

[1] Sentenza Appellata – Fol.13

"2. Tiddikjara li minhabba s-sitwazzjoni politika ezistenti fil-Kazakhstan, senjalament in-nuqqas ta' garanziji tal-osservazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li jopponu t-tmexxija politika prezenti fl-istess Kazakhistan, ir-rikorrenti m'ghandhomx il-garanziji minimi li d-drittijiet fundamentali tieghu ser jigu osservati fil-Kazakhstan, liema drittijiet minimi l-Istat Malti ghandu jesigi b'konsegwenza kemm tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-obbligi internazzjonali tieghu sabiex jaghti l-assistenza rikjesta.

"3. Tordna li jitwaqqfu l-proceduri kollha istitwiti mill-Avukat Generali b'konsegwenza tat-talba, wahda jew aktar, ghall-assistenza da parti tal-awtoritajiet tal-Kazakhstan fil-konfront ta' jew li ghandhom x'jaqsmu mar-rikorrenti.

"4. Tordna wkoll li kull evidenza, prova, dokument, jew informazzjoni migbura b'rizultat ta' dawn il-proceduri ma jintbaghtux lill-awtoritajiet tal-Kazakhstan u tordna wkoll id-distruzzjoni taghhom fi zmien qasir u perentorju.

"5. Taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti d-direttivi kollha li jidhrilha li jkunu xierqa sabiex tigi rimedjata din il-vjolazzjoni".

5. Minn naha taghhom l-intimati fil-qosor fissru l-eccezzjonijiet taghhom relevanti ghal dan l-appell: li l-Ministru tal-Gustizzja [il-Ministru intimat] m'ghandu locus standi f'dawn il-proceduri; l-intempestivita` tal-azzjoni, stante li l-proceduri gudizzjarji kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistghux f'dan l-istadju jigu ezaminati fit-totalita` taghhom sabiex jigi determinat jekk sarx ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fil-konfront tal-atturi, kif ukoll ma hemmx ordni ta' konfiska tal-proprjeta` taghhom izda hemm biss ordni ta' frizar tal-assi; li l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati huma inapplikabbli ghal kaz odjern stante: [1] li l-Artikolu 32 ikkwotat mill-atturi huwa biss artikolu introduttiv; [2] li inizjalment l-atturi ma kienu akkuzati b'ebda reat u li dak li kien qed isir f'Malta kien dak li soltu jsir mill-Magistrat Inkwirenti u ghalhekk il-

proceduri ghandhom jitqiesu bhala fi stadju ta' inkjesta; [3] li l-assistenza mitluba mill-pajjiz barrani ma tinvolvi l-ebda determinazjoni ta' akkuza kriminali; [4] li l-atturi kellhom juzaw ir-rimedju ordinarju qabel ma bdew il-proceduri odjerni b'azzjoni biex jigi attakkat l-agir tal-konvenuti; [5] li l-istat Malti huwa obbligat li jissodisfa l-obbligi tieghu ta' assistenza reciproka taht it-trattat fuq indikat u ghalhekk ma setax legalment jirrifjuta milli jaghti tali assistenza lill-pajjiz rikjedenti, f'dan il-kaz, il-Kazakhstan; [6] li l-ordni ta' frizar m'hijiex vjolattiva tad-dritt fundamentali tal-atturi protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni, stante li din, kontrarjament ghal konfiska, ma tipprivax lill-atturi minn hwejjighom izda hija biss mizura kawtelatorja sakemm jigu konkluzi l-proceduri kriminali fil-Kazakistan, hija mizura legali li ghandha ghan legittimu fl-interess pubbliku, u hija proporzjonata ghal dan il-ghan.

Is-Sentenza Appellata

6. L-ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dan hu kaz fejn ir-rikorrenti qed jikkontestaw il-proceduri li qed isiru fil-konfront taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fil-kompetenza taghha kriminali, wara li gew iffrizati l-assi taghhom hawn Malta u qed tingabar informazzjoni dwar il-proprjetà li jista' ghandhom f'Malta. Dawn il-proceduri qed isiru a bazi ta' talba li saret ghall-ghajnuna fil-gbir tal-provi mill-Kazakhstan. Ir-rikorrenti jsostni li f'dak il-pajjiz ma hemmx rispett lejn id-drittijiet fondamentali tal-bniedem, u, ghalhekk l-ghajnuna li l-istat Malti qed jaghti lil dak il-pajjiz jivvjola, fost ohrajn, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Fl-istat ta' Kazakhstan ghaddejja investigazzjoni mill-awtoritajiet governattivi fil-konfront tar-rikorrenti li qed jigu akkuzati, fost affarijiet ohra, bi frodi u hasil ta' flus. Dak il-pajjiz li bhal Malta, hu firmatarju tal-Konvenzjoni internazzjonali "On Mutual Assistance in Criminal Matters", qed titlob l-ghajnuna ta' Malta relatata mill-gbir ta' informazzjoni. Din it-talba ghall-ghajnuna ma gietx irtirata wara l-mewt tar-rikorrenti Shoraz Rakhat. L-ordni ta' qbid u ffrizar li nhargu hawn Malta, inhargu a bazi tal-artikolu 23A u 435c tal-Kodici Kriminali, b'dan tal-ahhar jaghmel referenza ghall-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li jikkontempla sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali ta' dak appertenenti lill-persuna involuta. Is-smiegh ta' xhieda hija regolata bl-artikolu 649 tal-Kodici Kriminali. Il-gbir ta' informazzjoni quddiem il-Magistrat, sa issa, saru bil-maghluq, u minghajr ma r-rikorrenti u/jew rapprezentanti taghhom kienu prezenti u b'verbal mizmum quddiem din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 2014, sar qbil li l-procedura tista' titkompla, b'dan li r-rikorrenti, bhala akkuzati, jitqiesu li ghandhom "*legal standing*" fil-process. Dan il-verbal solva wahda mill-problemi li kellhom ir-rikorrenti. Fit-termini tal-artikoli tal-ligi fuq imsemmija, li iffrizar jew qbid tal-assi jittiehdu fil-konfront ta' "akkuzat", u bhala tali dik il-persuna hija intitolata tal-protezzjoni li joffri l-Kodici Kriminali Malti. Bhala persuna akkuzata, dik ghandha drit ukoll tkun rapprezentata minn avukat ta' fiducja taghha.

"F'dan il-kaz, jidher, li r-rikorrenti ma gewx notifikati personalment bil-proceduri kull meta l-Magistrat kienet qed tigbor il-provi, ghalkemm jidher li saret notifika f'idejn l-avukat taghhom li, però, informa lill-Magistrat li r-rikorrenti ma kienux prezenti Malta. Is-smigh tal-provi tkompla minghajr ma r-rikorrenti kienu rapprezentati, kif hemm qbil li sar skont il-verbal imsemmi tal-10 ta' Ottubru 2014.

"Il-proceduri hawn Malta jridu zgur isiru bir-rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u darba it-talba ta' assistenza u l-iffrizar tal-assi saret fil-konfront ta' persuna deskritta bhala "akkuzat", dan tal-ahhar ghandu dritt igawdi mid-drittijiet li toffri l-ligi Maltija, fosthom li ma jsir xejn fl-assenza tieghu. Il-ligi Maltija toffri dan id-dritt lil kull akkuzat u persuna akkuzata b'reat barra mill-pajjiz ghandu dritt, fi proceduri relatati li jinzammu hawn Malta, ikun prezenti, almenu tramite ir-rapprezentant tieghu. Sar zball, fil-fehma ta' din il-Qorti, li instemghu xhieda u ingabru dokumenti fl-assenza tar-rikorrenti.

"Hu veru li l-artikolu 649(3) tal-Kodici Kriminali, jawtorizza lill-Magistrat tisma xhieda avolja l-akkuzat ma jkunx prezenti, però, hawnhekk il-kaz mhux biss relatat mas-smigh ta' xhud li jinsab hawn Malta, izda ta' gbir ta' informazzjoni, wara iffrizar ta' assi, in relazzjoni ma' persuna akkuzata b'reati kriminali f'pajjiz iehor. Persuna akkuzata li jkollha l-assi taghha ffrizati ghandha dritt tkun prezenti meta qed tingabar informazzjoni fuq l-assi taghha.

"Partijiet mid-dokumenti migbura lahqu intbaghtu lejn il-Kazakhstan, u din il-Qorti ma tistax tipprovdi fir-rigward; li intbaghat, issa ntbaghat. Dawk il-provi u dokumenti li ingabru fl-assenza tar-rikorrenti, izda li ghadhom ma ntbaghtux u jinsabu Malta, ma ghandhomx jintbaghtu ghax ma ngabrux bi tharis kif imiss tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

"Mhux kaz li hawn si tratta biss minn gbir ta' provi u mhux minn kawza kriminali (fis-sens ta' *trial*), ghax jibqa' l-fatt li dak li qed isir hawn Malta huwa parti minn process gudizzjarju ta' natura kriminali li qed isir f'pajjiz iehor, u, fis-sitema Maltija, process kriminali, irid isir fil-presenza tal-akkuzat. Fil-verbal tal-10 ta' Ottubru 2014, sar qbil li r-rikorrenti ghandhom status ta' akkuzati u, bhala tali, ghandhom dritt igawdu mis-salvagwardi li joffru l-ligijiet ta' Malta.

"Dment, allura, li l-Magistrat li qed tisma' li materja issegwi l-ligijiet ta' Malta fejn jidhol akkuzat, l-informazzjoni tista' tkompli tingabar.

"Hemm, però, kwistjonijiet ohra x'jigu kkunsidrati. Ir-rikorrent Shoraz Rakhat miet fil-mori tal-procedura, izda ma jidhirx li l-proceduri kontrih fil-pajjiz esteru gew irtirati. Din il-Qorti ma taccettax li proceduri kriminali jistghu jitkomplew kontra persuna mejta; almenu, skont is-sistema lokali, l-isem ta' persuna mejta jew l-eredi taghha ma jistghux jibqghu ippersegwitati bi proceduri kriminali li allegatament tkun wettqet il-persuna mejta. Din il-Qorti tara li hu kontra l-ordni pubbliku ta' Malta li proceduri kriminali jitkomplew kontra akkuzat mejjet, u li l-Magistrat tkompli tigbor informazzjoni in konnessjoni mal-persuna mejta, huwa ksur tad-drittijiet fondamentali tal-isem taghha. Ghal fini ta' pajjizna, il-proceduri kriminali pendenti fil-Kazakhstan kontra r-rikorrent Shoraz Rakhat, huma estinti u l-awtoritajiet Maltin ma ghandhomx jikkorporaw aktar fil-proceduri kriminali li jistghu ghadhom pendenti fil-konfront tieghu. L-assistenza qed tintalab in konnessjoni ma' proceduri kriminali, u hu x'inhu l-istat tal-ligi fil-pajjiz esteru, l-istat Malti ghandu jqis dawk il-proceduri estinti darba li l-akkuzat miet, u kwindi, il-Magistrat lokali ma ghandhiex tkompli tisma provi jew tigbor dokumenti relatati mar-rikorrent defunt.

"Fir-rigward tar-rikorrenti Elnara Shorazova, l-armla tal-mejjet rikorrent Shoraz Rakhat, din ghandha proceduri kriminali pendenti gewwa l-Kazakhstan. Hi tghid li dawn il-proceduri huma fazuli u politikament motivati. Din il-Qorti ma tarax li ghandha kompetenza tidhol f'din il-materja, izda ghandha tara jekk ghandhiex thalli l-istat Malti jkompli jikkopera ma' sistema gudizzjarja li, qed jigi allegat, hi korrotta u/jew ma taghtix affidament ta' smiegh gust. Dan qed jinghad ghax din il-Qorti, fil-principju, ma tarax li l-istat Malti ghandu jghin fi twettiq ta' process gudizzjarju li, fih innifsu, ma jwassalx ghall-*fair trial*. Veru, li hawn mhux kaz ta' talba ta' estradizzjoni, fejn allura jidhlu kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà fil-pajjiz esteru, però, din il-Qorti tifhem li, sa certu punt, l-ghajnuna ghandha, tinghata lill-awtoritajiet gudizzjarji li joffru *prima facie* garanzija ta' process ekwu u gust.

"F'dan il-kaz, din il-Qorti tibda biex tissenjala zewg affarijiet li tqishom ta' certa importanza. L-ewwel haga li l-Kostituzzjoni ta' Kazakhstan, almenu fuq il-karta, toffri l-garanzija kollha mehtiega ghat-twettiq ta' smigh gust quddiem tribunal indipendenti u imparzjali. Il-provvedimenti tal-ligi jipprovdu ghall-hatra tal-gudikanti b'mod trasparenti u wara skrutinju mill-Kunsill Suprema tal-Gudikatura. It-tnehhija tal-gudikanti hija wkoll regolata bil-ligi, u ma hemmx skop ghat-tkeccija arbitrarja mill-awtorità governattiva tal-pajjiz. Hemm ligijiet li ma jippermettux indhil mill-awtorità fil-poter tat-tehid tad-decizjonijiet mill-gudikant.

"It-tieni punt li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tissenjalha huwa li, ghalkemm jinghad minn diversi persuni u ghaqdiet, li f'dak il-pajjiz is-sistema gudizzjarja ma hijiex konducenti ghal smiegh xieraq, wara riformi istituzzjonali li saru fil-pajjiz, in-Nazzjonijiet Uniti accetta li Kazakhstan tkun firmatarja tal-konvenzjoni li tipprovdi ghall-assistenza reciproka fi proceduri kriminali. Mhux qed tittratta l-pajjiz kif trattat, per ezempju, lill-Afrika t'Isfel u r-Rhodesia. In-Nazzjonijiet Uniti zgur li ghamel indagini tas-sistema gudizzjarja f'dak il-pajjiz, u sab li dak il-pajjiz jisthoqqlu l-assistenza tal-bqija tal-pajjizi l-ohra, meta jkunu qed jittiehdu proceduri kriminali kontra xi hadd f'pajjizu. Din il-Qorti ma tahsibx li n-Nazzjonijiet Uniti taghti, biex nghidu hekk, "permess" lill-pajjizi tad-dinja li jghinu fi stharrig kriminali li jkun ghaddej fil-Kazakhstan li kieku, dak il-pajjiz ma joffrix il-minimu ta' garanzija ta' process xieraq.

"Issa, f'dan il-process, hemm irrekordjat diversi rapporti, fosthom minn Amnesty International, dwar ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kazakhstan. Huwa rraportat li f'dak il-pajjiz it-tortura hija komuni u l-indhil tal-awtoritajiet fis-sistema gudizzjarja, specjalment meta si tratta minn kawzi ta' natura politika, hija r-regola. Giet ipprezentata stqarrija tal-Imhallef Utemisova li qalet kemm, f'decizjoni partikolari, kellha pressjoni "minn fuq" biex tiddeciedi b'mod, u li giet imwarrba ghax illiberat persuna minn abbuz ta' *contract killing* kontra dettami superjuri.

"Din il-Qorti qieset dawn ir-rapporti, izda tqis li hawn mhux kaz ta' talba ta' estradizzjoni, u ma hemmx talba biex Elnara Shorazova tintbaghat pajjiz fejn, hu allegat, it-tortura hi prattika. Indipendentement minn dan, hawn ghandna kaz fejn din ir-rikorrenti qed tigi akkuzata b'diversi reati ta' natura serja u gravi, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tharbat l-investigazzjoni li qed issir billi zzomm lura mili tibghat certa informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti f'dak il-pajjiz.

"Intqal hafna kif il-pulizija sigrieta f'Kazakhstan isegwu certi persuni u, sahansitra, jipprokura li htif jew il-qtil taghhom. Jirrizulta wkoll minn sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif xhieda gew ittorturati biex jaghti xhieda kontra r-rikorrent Shoraz Rakhat, u dik il-

Qorti kkummentat negattivament fil-konfront ta' Kazakhstan. Jista' jkun li l-process kontra Shorazova mhux meqjus bhala kompletament hieles minn indhil politiku, però, din il-Qorti terga' ittenni li ma tarax li ghandha tfixkel l-investigazzjoni li qed issir relatata mal-akkuzi, l-aktar ta' natura finanzjarja, kontra taghha. Talbiet ghall-estradizzjoni ta' persuni lejn Kazakhstan jidher li gew michuda minn qrati f'pajjizi ohra Ewropea, però, ma jidhirx li gew michuda talbiet ghall-assistenza f'investigazzjonijiet, bhal ma hu l-kaz odjern. Investigazzjoni mhux gudizzju, u b'din l-assistenza d-dritt taghha ghal smiegh xieraq mhux ser jigi ppregudikat.

"Hu veru li l-Kazakhstan mhux firmatarju tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, però, dan ma jfissirx li dak li jsir f'dak il-pajjiz hu kollu hazin, jew li investigazzjonijiet kriminali huma kollha manipulati. L-akkuzi fil-konfront ta' Shorazova huma serji u jistghu jinvolvu diversi pajjizi, fosthom Malta, u fil-limiti ta' talba ghall-assistenza, ma tarax li dan ghandu jkun michud.

"Il-Qorti ma jidhirliex li ghandha tghaddi gudizzju fuq l-istat ta' demokrazija fil-Kazakhstan, ghax ma tqiesux daqshekk rilevanti ghal mertu ta' dan il-kaz. Hu minnu li l-istat ta' Kazakhstan huwa censurat minn diversi organizzazzjonijiet, u l-istorja taghha fil-harsien tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment fil-harsien tal-indipendenza tal-qrati, hija kritikata tista' tghid mill-agenziji internazzjonali interessati kollha (tant li l-parlament tal-Unjoni Ewropea f'rizoluzzjoni tat-13 ta' Marzu, 2014 osservat "*that the human rights situation in that country has deteriorated further...*"), però, jibqa' l-fatt li hawn si tratta minn gbir ta' informazzjoni li tista' tghin f'investigazzjoni ta' diversi reati kriminali, li f'dan il-kaz, mhux pruvat b'mod sodisfacenti li hija necessarjament motivata politikament. Malta ma gietx mitluba tibghat lil xi hadd lejn Kazakhstan, fejn allura jkunu japplikaw konsiderazzjonijiet ohra, izda biex tipprovdi assistenza skont konvenzjoni li z-zewg pajjizi huma firmatarji.

"Din il-Qorti trid taghmilha cara li ma hi impressjonata xejn bix-xhieda ta' Dr. Alpysbay Zhusupov u tiqs li d-depozizzjoni tieghu ma taghti ebda fiducja ta' kredibilità. F'kull kaz, però, ma jirrizultax li l-akkuzi fil-konfront ta' Elnara Shorazova huma assolutament fiergha u bla bazi. Ma jirrizultax lanqas li ghandhom bazi guridika valida, però, ma tarax li ghandha izomm pajjiz iehor, firmatarju ta' konvenzjoni internazzjonali dwar assistenza reciproka f'materji ta' process kriminali, milli jkompli bl-investigazzjoni tieghu.

"Din il-Qorti, fid-dawl tal-premess, ma tarax li l-azzjoni attrici hija intempestiva. Veru li l-proceduri legali fil-konfront tar-rikorrenti ghadhom ma nghalqux, però, ir-rimedju mitlub hu intiz ghar-regolamentazzjoni tal-procedura li ghandha tkun adottata fil-kaz. Dak li sar, sar u ma jistax jitregga lura u, allura, jabel li jinghata l-provvediment opportun anke waqt li ghaddejjin il-proceduri.

"Fil-kuntest ta' min hu legittimu kontradittur, ma hemmx dubju li l-Avukat Generali huwa dehen li jitqies ir-rapprezentant tal-Gvern ta' Malta f'dawn il-proceduri. Tqis, però, li trattandosi ta' ghajnuna u kooperazzjoni li qed tinghata lil stat barrani, u li dawn il-proceduri jolqtu anke s-sigurtà tal-pajjiz, il-Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali ghandu jibqa' parti f'dawn il-proceduri, ghalkemm tara li ma hemmx lok li l-Ministru ghall-Gustizzja jibqa' parti; tara li dan tal-ahhar hu denjament rapprezentat mill-Avukat Generali.

"L-ilment tar-rikorrenti bazat fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi mistharreg peress illi dan l-artikolu huwa sempliciment dahla ghal-lista tad-drittijiet umani, kif elenkati fil-Kostituzzjoni, u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tinvokah kif qed tipprova taghmel – ara "Chabab vs Avukat Generali", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2013.

"Din il-Qorti ma tarax lanqas li l-proceduri in kwistjoni jinvolvu xi ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-mizura li minnha qed jilmentaw ir-rikorrenti ghandha l-iskop li tikkontrolla l-uzu tal-proprjetà u dan l-istat jista' jaghmelu fl-interess generali. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-mizura mehuda saret taht qafas legali, saret ghal ghan legittimu (li sservi bhala deterrent fil-glieda kontra kriminalità organizzata u hasil ta' flus), u ittiehdet b'mod – specjalment wara li giet regolata minn din il-Qorti – li nzamm bilanc proporzjonali u gust bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun. Fuq dan l-ahhar punt, din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni li ghamlu l-intimati fis-sens li gej:

""*Illi fil-kaz odjern, mill-provi rrizulta li z-zewg rikorrenti dejjem hadmu bhala ufficjali tal-Istat tal-Kazakhstan bil-konsegwenza li huma kellhom paga li kienu qeghdin jircievu ghas-servizzi taghhom. Illi minkejja li l-introjtu taghhom kien bil-wisq limitat irrizulta wkoll mix-xhieda li huma kellhom numru konsiderevoli ta' kumpaniji kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta kif ukoll numru ta' proprjetà ta' valur konsiderevoli. Jekk wiehed ihares biss lejn il-proprjetà li nxtrat mir-rikorrenti f'Malta tali proprjetà tinsab f'postijiet fejn il-proprjetà tinbiegh b'valur kbir u li certament li persuni impjegati bil-paga biss ma jkunux jifilhu jhallsu ghax-xiri ta' tali proprjetà. Illi dan iwassalna ghall-argument li dawn l-assi li jinsabu Malta u li kienu nxtraw mir-rikorrenti nxtraw mill-attività illecita taghhom u li ghalhekk ma jistghux jilmentaw b'success li l-ordni ta' ffrizar qieghda ccahhadhom mill-possedimenti taghhom stante li l-istess rikorrenti akkwistaw tali proprjetà minn rikavat illecitu*"*.*"

"Hu f'dan il-kuntest li din il-Qorti sejra tipprovdi li tirregola l-materja wara li tghid li sabet ksur, in parte, tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kosittuzzjoni".

## L-Appelli

7. L-Appell tal-Avukat Generali huwa bazat fuq erba' aggravji li jirrigwardaw: [1] il-*locus standi* tal-Ministru intimat; [2] l-intempestivita` tal-azzjoni, [3] li ma hemmx lezjoni tad-drittijiet fundamentali protetti mill-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati[2] u [4] li r-rimedju moghti ma huwiex gust u l-ewwel Qorti "ma tatx id-dovuta konsiderazzjoni ghal fatt li Malta hija marbuta b'vinkolu internazzjonali u jekk ma tirrispettax tali vinkolu jkollha twiegeb ghall-konsegwenzi ghal ksur tal-obbligi internazzjonali taghha."

8. Abbazi ta' dawn l-aggravji l-konvenuti qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens li: tigi revokata dik il-parti fejn gie dikjarat li l-atturi garrbu vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom skont l-artikoli fuq citati; fejn ordnat li l-informazzjoni li lahqet ingabret s'issa u li ghadha f'idejn l-Istat Malti ma tintbaghatx lejn il-Kazakhstan; fejn ordnat it-twaqqif immedjat ta' kull ghajnuna li l-awtoritajiet intalbu jaghtu fl-investigazzjoni fil-konfront tal-atturi, kif ukoll fejn ippermettiet lill-awtoritajiet Maltin li jkomplu bl-assistenza billi fil-gbir tal-informazzjoni jikkonsidraw lill-attrici bhala persuna akkuzata, u, minflok tichad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

9. L-Appell tal-atturi huwa bazat fuq zewg aggravji principali li jirrigwardaw diversi punti li ser jigu elenkati bil-mod segwenti: li l-ewwel Qorti m'ghamlitx id-distinzjoni fil-ligi bejn persuna investigata u persuna

[2] Nota Osservazzjonijiet tal-konvenuti pga.18

akkuzata; li l-ordni ta' frizar inghatat fis-26 ta' Frar 2014 u mhux fl-10 ta' Ottubru 2014 u meta l-atturi kienu gja gew akkuzati u waqt li l-proceduri kriminali kontra taghhom kienu ghadhom ghaddejjin; li, minkejja li l-ewwel Qorti irrikonoxxiet li l-akkuzi kontra l-atturi huma serji u gravi u li mhux meqjus bhala kompletament hieles minn indhil politiku, xorta wahda l-qrati Maltin ordnaw li l-ordni ta' iffrizar tibqa' fis-sehh abbazi tal-proceduri gudizzjarji fil-Kazakhstan skont l-Artikolu 435C[3] tal-Kodici Kriminali; li mhux minnu dak li ddecidiet l-ewwel Qorti dwar l-introjtu wisq limitat tal-atturi u li l-atturi huma persuni impjegati bil-paga kif ukoll mhux minnu li l-proprjeta` tal-atturi gejja minn provvenjenza illecita; li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeciedi li tippermetti lill-awtoritajiet Maltin ikomplu joffru l-assistenza taghhom wara li l-istess Qorti ddikjarat li "Ma jirrizultax lanqas li ghandhom [l-akkuzi] bazi guridika valida.."[4] u mhux kompletament hielsa minn indhil politiku izda fl-istess hin tikkonkludi li ma tarax li ghandha "tharbat l-investigazzjoni" u zzomm il-Kazakhstan

[3] Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba li ssir minn xi awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali għall-qbid temporanju ta' kull jew parti mill-flus jew proprjetà, mobbli jew immobbli, ta' persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msemmija bhala "l-imputat") li tiġi akkużata jew imputata fi proċedimenti quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiż jew quddiem qorti internazzjonali dwar xi reat rilevanti, l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan it-titolu msemmija "ordni ta' mblukkar") li jkollha l-istess effett bħalma għandha ordni bħal dik imsemmija fl-artikolu 22A(1) tal-Ordinanza, u d-dispożizzjonijiet tal-imsemmiartikolu 22A għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, japplikaw mutatis mutandis gjal dik l-ordni.

"(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24Ċ(2) sa (5) tal-Ordinanza għandhom japplikaw għal ordni li jsir taħt dan l-artikolu bħallikieku kien ordni magħmul taħt l-imsemmi artikolu 24Ċ.

"(3) L-artikolu 22B tal-Ordinanza għandu wkoll japplika għal kull persuna li taġixxi bi ksur ta' ordni ta' mblukkar taħt dan l-artikolu."

[4] Sent – pg19

milli jircievi assistenza; li minkejja li l-Kazakhstan hija firmatarja tal-konvenzjoni internazzjonali dwar l-assistenza reciproka fil-pajjizi kontraenti, din il-konvenzjoni ma timponix xi obbligu fuq l-Istat firmatarju u ma hemmx *threshold* li l-pajjiz irid jissodisfa biex isir firmatarju u, apparti minnhekk, it-talbiet ta' dak l-istat ghar-ratifika ta' whud minn konvenzjonijiet internazzjonali, fosthom dik li titratta l-Assistenza Reciproka f'Materja Kriminali, gew rifjutati, kif ukoll lanqas ma l-Kazakhstan irratifika l-Konvenzjoni Ewropea; finalment, li l-ewwel Qorti stess irrimarkat li x-xhieda moghtija mill-espert barrani dwar il-pozizzjoni guridika fil-Kazakhstan ma kinitx kredibbli.

10. Abbazi tal-premess l-attrici qed titlob li s-sentenza appellata tigi riformata bil-mod segwenti:

> "……billi tigi konfermata f'dik il-parti taghha fejn ordnat d-dokumentazzjoni li ngabet sa issa u li ghadha fil-pussess tal-awtoritajiet Maltin, ma tintbaghatx lejn il-Kazakhstan peress li ngabret bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, fejn ordnat it-twaqqif b'mod immedjat ta' kull ghajnuna li l-awtorijiet Maltin intalbu jaghtu marbuta mal-investigazjoni fil-konfront tal-lum mejjet Rakhat Shoraz maghruf bhala Rakhat Aliyev u fejn tillibera lill-Ministru ghall-Gustizzja mill-osservanza tal-gudizzju, u thassar l-istess sentenza fejn iddikjart li m sabitx ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenjoni Ewropea u fejn iddikjarat li qed tippermetti lill-Awtorita` Maltija tkompli toffri l-assistenza taghha u tibghat lejn Kazakhstan dokumentazzjoni li tingabar relatati mal-investigazzjoni li qed issir fil-konfront ta' Elnara Shorazova, b'dan li fil-gbir ta' din l-informazzjoni, l-esponenti ghandha titqies bhal akkuzata ghal-fini u effetti kollha tal-ligi kif hekk sar qbil b'verbal tal-10 ta' Ottubru 2014.
>
> "Bl-ispejjez kontra l-intimati".

11. Il-konvenuti permezz ta' risposta talbu li, ghar-ragunijiet hemmhekk indikati, l-appell tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-attrici.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

*L-Ewwel Aggravju tal-Konvenuti [legittimu kontradittur]*

12. Dan l-aggravju huwa mmirat lejn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u ddecidiet li l-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali huwa wkoll, flimkien mal-Avukat Generali, legittimu kondittur f'din il-kawza u ghalhekk ghandu l-legittimazzjoni passiva sabiex ikun parti fil-kawza.

13. Din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jitkellem car dwar min ghandu jirrapprezenta lill-Gvern fil-kawzi kontra tieghu: f'isem il-Gvern ta' Malta jidher il-"kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta biss "f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern." [5]

[5] Vide fost ohrajn Q.kos. 21/2012 **Carmelo Grech et v. Awtorita` tad-Djar et**, 29 Jannar 2016; Q.Kos. 15/2020 **Emanuele Caruana v. Il-Prim Ministru** , 30 Ottubru 2015

14. Fil-kaz odjern il-mertu jikkoncerna l-obbligu internazzjonali tal-Istat Malti naxxenti minn trattat internazzjonali u li l-Istat Malti huwa firmatarju tieghu, u ghalhekk, huwa car li l-Istat ghandu jkun rapprezentat mill-Avukat Generali, anke tenut kont tal-fatt li l-materja tikkoncerna wkoll l-operat tal-qrati Maltin. Ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega li jitharrek ukoll il-Ministru konvenut biex jirrapprezenta lill-Istat.

15. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni u it-Tielet u Aggravji tal-Konvenuti [intempestivita' u lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq]*

16. It-tieni aggravju jirrigwarda l-eccezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni sollevata mill-konvenuti. Dan l-aggravju huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet dik l-eccezzjoni fuq il-motiv li *"il-proceduri legali fil-konfront tar-rikorrenti ghadhom ma nghalqux, pero' ir-rimedju mitlub hu intiz ghar-regolmentazzjoni tal-procedura li ghandha tkun adottata fil-kaz."*[6] Huma fissru hekk dan l-aggravju:

> "Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet dina l-eccezzjoni preliminari wara li osservat li «l-proceduri legali ftl-konfront iar-rikorrenti ghadhom ma nghalqux, pero', ir-rimedju miilub hu intiz ghar-regolamentazzjoni tal-procedura li ghandha tkun adottata fil-kaz », Illi fl-ewwel lok, l-

[6] Sent.- supra

esponenti jissottomettu li ma hemm l-ebda « procedura legali ftl-konfront tar-rikorrenti » fl-ambitu tal-ezekuzzjoni tar-rikjesta ghall-assistenza reciproka. Illi f'Malta dak li qieghed isir biss huwa li qieghda tingabar l-informazzjoni rikjesta skont Konvenzjoni internazzjonali. Illi strettament l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jistghux jigu invokati f'dan ix-xenarju u dan stante li hadd mir-rikorrenti ma huwa akkuzat quddiem il-Qrati ta' Malta.

“Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx id-distinzjoni bejn id-diversi talbiet li kienu saru lill-awtoritajiet Maltin mill-awtoritajiet tal-Awstrija u dawk tal-Kazakhstan. Illi kien hemm numru ta' talbiet li gew mahduma mill-awtoritajiet Maltin fuq rikjesta tal-awtoritajiet tal-Awstrija. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talbiet ta' assistenza mitluba mill-awtoritajiet tal-Kazakhstan kien hemm l-ahhar talba li kienet ghada qieghda tibda tinhadem. Dak li rrizulta mix-xhieda (ara x-xhieda tal-Ispettur Raymond Aquilina) huwa li minkejja diversi tentattivi sabiex jitharrku r-rikorrenti sabiex jitilghu jixhdu quddiem il-Magistrat tali tentattivi kienu inutili stante li minn indagini li saret irizulta li r-rikorrenti ma kienux ghadhom Malta. Illi dan ifisser ukoll li ma kienx possibbli ghall-awtoritajiet Maltin li jigbru x-xhieda tar-rikorrenti.

“Illi kien f'dan il-kuntest li kellha tiddeciedi dina l-eccezzjoni preliminari l-Ewwel Onorabbli Qorti u dan minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni tal-esponenti tan-nuqqas ta' applikabbilita' ta' dawn l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali.

“Illi mill-provi prodotti u senjatament mill-inkartament tal-esekuzzjoni tar-rikjesta ghall-assistenza li tali rikjesta ghadha ma gietx ezegwita' fit-totalita' taghha. Illi ghalhekk huwa impossibbli f'dan l-istadju li jigi deciz kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrenti ser jigu zvantaggjati. Illi kif diga' ntqal aktar il fuq, l-Ewwel Onorabbli Qorti donnha skartat fattur krucjali u cioe' li f'dan il-procediment ta' assistenza mitlub mill-awtoritajiet tal-Kazakhstan ir-rikorrenti ma xehdux (ir-rikorrenti xehdu biss fi procedimenti ta' assistenza mitluba mill-awtoritajiet tal-Awstrija liema procedimenti huma distinti u separati mit-talba maghmula mill-awtoritajiet tal-Kazakhstan). Illi kien ghalhekk barra minn loku li l-ilment tar-rikorrenti jkun diskuss in vacuo.  Illi l-ilment jekk tistax issir jew jekk saritix virtwalment xi lezjoni ta’ drittijiet fundamentali f’dan l-istadju kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tilqa’ din l-eccezzjoni preliminari.

“Illi gialadarba l-procediment ta’ assistenza ghadhom ma gewx konkluzi in kwantu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma msejsa fuq id-dritt ghal smiegh xieraq, l-Ewwel Qorti kellha tilqa’ l-eccezzjoni tal-intempestivita’.”

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

17. Il-Qorti fl-ewwel lok tibda bl-osservazzjoni li llum jinsab assodat kemm fil-gurisprudenza[7] lokali kif ukoll f'dik Ewropea li d-determinazzjoni tal-punt jekk proceduri kriminali humiex vjolattivi jew le tad-dritt ta' smigh xieraq, jinvolvi ezami tal-proceduri kriminali fit-totalita` taghhom, izda jekk il-Qorti jkun jidhrilha li b'episodju jew bil-produzzjoni ta' element ta' prova matul il-proceduri x'aktarx ikun vjolat l-imsemmi dritt fondamentali din il-Qorti tista' tiehu l-mizuri sabiex tikkawtela dan id-dritt.

18. Fil-kaz in dizamina jirrizulta li waqt li l-process tar-rogatorji kien qieghed isir bil-maghluq mill-Magistrat minghajr il-prezenza tal-persuni suspettati jew persuni investigati, jigifieri l-atturi, li kontra taghhom kienet harget ordni ta' investigazzjoni mill-Kazkhstan, fil-mori ta' dawk il-proceduri u precizament fis-26 ta' Frar 2014 harget ordni mill-Qorti Kriminali ta' Malta ta' frizar tal-assi tal-atturi konsegwenza tal-fatt li fl-istess xahar l-istess atturi kienu gew mixlija b'reati kriminali fil-Kazakhstan. Peress li <u>l-atturi ma setghux</u> jigu notifikati minhabba li ma kinux instabu f'Malta, il-Magistrat kompliet bil-process rogatorjali billi semghet xhieda u laqghet dokumenti prodotti mill-pulizija Maltija, fl-assenza tal-atturi allura imputati.

[7] Vide fost ohrajn, Q.Kos. **Rosanne Galea et v. Avukat Generali**, 13 Frar 2017; Q.Kos. **Alfred Zaffarese v. Avukat Generali**, 23 Frar 2017; ECHR **Carmel Aquilina v. Malta**, Appl.51760/99, 16 Frar 2000.

19. Din il-Qorti tosserva li l-fatt wahdu, li tkomplew il-proceduri tar-rogatorji quddiem il-Magistrat mill-10 ta' Ottubru 2014 fl-assenza tal-atturi wara li dawn kienu ghaddejjin proceduri kriminali fil-Kazakhstan u allura meta huma bdew jitqiesu bhala persuni akkuzati, huwa vjolattiv tad-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq. Ukoll huwa principju fundamentali tad-dritt penali Malti li persuna akkuzata ghandu d-dritt li jkollha l-opportunita` li tkun prezenti tul il-process kriminali kollu, inkluz il-gbir tal-provi anke f'pajjiz esteru. Ghalhekk skont id-dritt lokali l-atturi *qua* akkuzati ghandhom id-dritt li jigu notifikati bil-proceduri tar-rogatorji u li jkunu prezenti ghal gbir tal-provi f'Malta, anke permezz ta' rapprezentant taghhom, u dan sabiex jaghmlu skrutinju tal-provi mressqa fl-udjenzi relattivi hawn Malta u bil-ghan principali li jissalvagwardjaw l-interessi taghhom. Ghalhekk fil-kaz odjern, ladarba dan ma sarx u l-provi komplew jinstemghu fl-assenza tal-atturi akkuzati, kellha ragun l-ewwel Qorti li tqis dan bhala vjolazzjoni kemm tal-ligi Maltija kif ukoll vjolazzjoni tad-dritt tal-atturi ghal smigh xieraq. Huwa minnu li, kif jghidu l-konvenuti l-Istat Malti ghandu jissodisfa l-obbligi tieghu ta' assistenza reciproka taht it-trattat fuq indikat, izda mill-banda l-ohra dan m'ghandux isir b'mod li jmur kemm kontra l-ligi penali lokali kif ukoll kontra d-dritt fundamentali ta' smigh xieraq. Jigi senjalat fir-rigward li dak li sar f'Malta, wara li l-atturi kienu mixlija b'akkuzi kriminali fil-Kazakhstan, ghandu jitqies bhala parti mill-proceduri kriminali f'dak il-pajjiz u ghalhekk dak li jsir f'Malta fir-rigward ghandu jkun konformi mal-

principipji fundamentali tad-dritt fundamentali protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

20. Ghaldaqstant dawn l-aggravji tnejn u tlieta mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

*Ir-Raba' Aggravju*

21. Dan jirrigwarda r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghall-lezjoni tad-dritt fundamentali tal-atturi kif fuq spjegat u stabbilit. Il-konvenuti jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li: d-dokumentazzjoni li ngabret u li ghadha fil-pussess tal-awtoritajiet Maltin ma tintbaghatx lejn il-Kazakhstan, li titwaqqaf kull ghajnuna mill-istess awtoritajiet relattiv ghall-attruri u li ghal dak li jirrigwarda l-attrici fl-assistenza li jaghtu l-awtoritajiet Maltin ghandhom iqisu lil dina bhala persuna akkuzata.

22. Isostnu li f'azzjoni ta' natura kostituzzjonali f'kaz li tinstab vjolazzjoni r-rimedju li ghandu jinghata huwa dak dikjaratorju. Barra minnhekk, fl-ghoti tar-rimedju l-ewwel Qorti ma tatx id-dovuta konsiderazzjoni ghall-fatt li Malta hija marbuta b'vinkolu internazzjonali li jekk ma jigix rispettat Malta jkollha twiegeb ghall-konsegwenzi ghall-ksur tal-obbligu internazzjonali taghha.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

23. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-mira primarja ta' rimedju kostituzzjonali hija r-*restitutio in integrum*, jigiferi li titwaqqaf il-lezjoni u li jinghata rimedju effettiv ghaz-zmien li damet issehh il-lezjoni. Fil-kaz *de quo*, li jikkoncerna proceduri kriminali barra minn Malta u li ghadhom pendenti, dikjarazzjoni ta' sejbien ta' lezjoni waheda ma tistax validament titqies bhala rimedju xieraq u adegwat, ghax ghandu jirrizulta manifest li ladarba l-provi migjuba quddiem il-qrati Maltin ghadhom pendenti, din il-Qorti ghandha tara li dak li sar qabel u li jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq tal-atturi jigi rettifikat u rimedjat u wkoll sabiex il-vjolazzjoni ma tkomplix issehh bis-smigh ta' aktar provi.

24. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha fejn ordnat li dak li ngabar f'Malta bi ksur tad-dritt ta' smigh xieraq tal-atturi u li ghadu f'idejn l-awtoritajiet Maltin ma jintbaghatx lejn il-Kazakhstan u fejn ordnat li l-assistenza lejn dak il-pajjiz fil-konfront tal-attrici ghandha tinghata fid-dawl tal-fatt li mill-10 ta' Ottubru 2014 l-attrici titqies bhala persuna akkuzata u ghalhekk intitolata ghar-regoli li jirregolaw id-dritt ta' smigh xieraq. Ma dan pero` ghandu jizdied li bhala rimedju, anke biex Malta tkun konformi mal-obbligi internazzjonali taghha dwar l-assistenza reciproka, dik l-informazzjoni li ngabret s'issa u li ghadha fil-pussess tal-

awtoritajiet Maltin, ghandha terga' tingieb f'udjenza jew udjenzi li ghalihom tkun prezenti l-attrici, personalment jew tramite rapprezentant taghha, sabiex din l-evidenza tkun ingabret konformament mal-principji generali tad-dritt penali Malti u tal-principji li jirregolaw id-dritt ta' smigh xieraq. Din il-precizazzjoni ser tigi inserita fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jigi hekk milqugh

*Aggravju tal-Atturi*

26. Rigward l-ilment tal-atturi li l-ewwel Qorti m'ghamlitx distinzjoni fil-ligi bejn persuna investigata u persuna akkuzata u li l-ordni ta' frizar inghatat fis-26 ta' Frar 2014 u mhux fl-10 ta' Ottubru 2014 u meta l-atturi kienu diga akkuzati u waqt li l-proceduri kriminali kontra taghhom kienu diga' bdew u ghadhom ghaddejjin fil-Kazakhstan, din il-Qorti tirribadixxi li dak li sar fil-process tar-rogatorji huwa biss episodju mill-proceduri kriminali fil-konfront tal-atturi f'dak il-pajjiz li allura ghandu jassikura li l-process kriminali jitmexxa fir-rispett shih tad-dritt tas-smigh xieraq tal-atturi, u dan jekk mhux taht il-Konvenzjoni Ewropea, imma taht il-principju generali ta' dritt u ta' gustizzja naturali li kull persuna akkuzata hi intitolat ghalih.

27. Dwar l-ordni tal-ifrizar tal-assi din il-Qorti tissenjala li din hi mizura kawtelatorja pendenti l-proceduri kriminali fil-Kazakhstan, liema mizura hija rikonoxxuta anke fid-dritt penali Malti, partikolarment f'kawzi relatati mal-hasil ta' flus u kawzi relatati mar-reati dwar traffikar tad-droga. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara ebda vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali tal-atturi li dik l-ordni tibqa' fis-sehh sakemm il-proceduri kriminali kontra l-attrici fil-Kazakhstan jigu konkluzi.

28. Ghalhekk, ghalkemm fil-konfront tal-atturi l-proceduri kriminali skont id-dritt penali Malti huma meqjusa estinti bil-mewt tieghu, il-proceduri kriminali fil-konfront tal-attrici ghadhom pendenti u konsegwentement l-ordni tal-iffrizar ghandha tibqa' vigenti in kwantu tolqot il-proprjeta` f'isem l-attrici.

29. Rigward l-ilment tal-atturi li, minkejja li l-ewwel Qorti irrikonoxxiet li l-akkuzi kontra l-atturi huma serji u gravi u li mhux meqjus bhala kompletament hieles minn indhil politiku, xorta wahda l-qrati Maltin ordnaw li l-ordni ta' iffrizar tibqa' fis-sehh abbazi tal-proceduri gudizzjarji fil-Kazakistan skont l-Artikolu 435C fuq indikat. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-gravita` tal-akkuzi kontra l-atturi, fosthom dak ta' hasil ta' flus, liema reat generalment ikun jestendi oltre l-konfini tal-pajjiz fejn ikunu jirrisjedu l-imputati, ma tarax li d-diskrezzjoni uzata mill-Avukat

Generali li jitlob il-hrug tal-ordni ta' imblukkar fuq l-assi tal-atturi f'Malta hija arbitrarja jew irragjonevoli. Dan gie kkonfermat mill-Qorti Kriminali li fil-25 ta' Frar 2014 ordnat il-hrug tal-ordni fuq indikata.

30. Rigward l-ilment tal-atturi dwar l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-introjtu wisq limitat tal-atturi komparat mal-assi li ghandhom f'Malta jwassal ghall-konkluzjoni logika li l-proprjeta` tal-atturi gejja minn provvenjenza illecita, din il-Qorti, fl-ewwel lok tosserva li r-riluttanza tal-attrici fid-depozizzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti li tghid kemm kellha qligh u jekk kinitx impjegata u jekk ghandhiex introjtu iehor, setghet ragjonevolment wasslet ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti bhala l-Qorti li quddiemha kienet xehdet l-attrici u li ma taghthiex affidament, izda, il-fatt jibqa' li r-rizoluzzjoni tal-akkuzi kriminali migjuba kontra l-atturi finalment m'huwiex il-kompitu tal-qrati Maltin izda huwa l-kompitu tal-Qorti tal-Kazakhstan, u l-uniku punt li kellha tiddeciedi l-Qorti Kriminali f'Malta kien jekk kellux fic-cirkostanzi jinhareg l-ordni ta' imblukkar fil-konfront tal-atturi.

31. Rigward l-ilment li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeciedi li tippermetti lill-awtoritajiet Maltin ikomplu joffru l-assistenza taghhom wara li l-istess Qorti ddikjarat li ma jirrizultawx li dawn l-akkuzi ghandhom bazi guridika valida u mhux kompletament hielsa minn indhil politiku izda fl-istess hin tikkonkludi li ma tarax li ghandha zzomm il-

Kazakistan milli jircievi assistenza fl-investigazzjoni, il-Qorti tosserva illi l-ewwel qorti fil-fatt ma qalitx illi jirriżulta li l-akkużi ma għandhomx bażi ġuridika: li qalet hu illi:

> "… ma jirrizultax li l-akkuzi fil-konfront ta' Elnara Shorazova huma assolutament fiergha u bla bazi. Ma jirrizultax lanqas li ghandhom bazi guridika valida …"

32. Fi kliem ieħor, qalet li la jirriżulta li ma humiex bla bażi ġuridika u lanqas li huma bla bażi ġuridika. L-argument tal-atturi huwa msejjes fuq interpretazzjoni ħażina ta' dak li qalet l-ewwel Qorti. Din il-Qorti żżid tgħid ukoll li Malta bhala pajjiz firmatarju tal-Konvenzjoni tal-UN ghandha l-obbligu li tassisti lill-pajjizi firmatarji tal-istess Konvenzjoni f'materja kriminali; u fil-kaz prezenti huwa proprju dak li qed taghmel Malta li tassisti lill-Kazakhstan, pajjiz firmatarju, fil-gbir ta' informazzjoni dwar l-akkuzi ta' reati serji u gravi fil-konfront tal-atturi.

33. Rigward l-ilment li, minkejja li l-Kazakhstan hija firmatarja tal-konvenzjoni internazzjonali dwar l-assistenza reciproka fil-pajjizi kontraenti, din il-konvenzjoni ma timponix xi obbligu fuq l-Istat firmatarju u ma hemmx *threshold* li l-pajjiz irid jissodisfa biex isir firmatarju u, apparti minnhekk, it-talbiet ta' dak l-istat ghar-ratifika ta' whud minn konvenzjonijiet internazzjonali, fosthom dik li titratta l-Assistenza Reciproka f'Materja Kriminali, gew rifjutati, kif ukoll lanqas mal-Kazakistan irratifika l-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti tosserva li,

minkejja li l-ewwel Qorti osservat li f'dan il-kaz kien hemm diversi rapporti dwar indhil mill-awtoritajiet fis-sistema gudizzjarja, huwa validu dak li kkonkludiet l-istess Qorti, jigiferi li l-kaz odjern ma jitrattax dwar estradizzjoni ta' persuna lejn il-Kasakhstan fejn allura r-rapport ta' okkazzjonijiet f'dak il-pajjiz ta' tortura fuq persuni suspettati jew akkuzati jassumu relevanza aktar qawwija, il-kaz odjern jirrigwarda biss assistenza moghtija lil dak il-pajjiz f'investigazzjoni ta' natura kriminali. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti fir-rigward:

> "Indipendentement minn dan [rapporti negattivi fir-rigward tal-Kasakhstan min ghaqdiet internazzjonali], hawn ghandha kaz fejn ir-rikorrenti qed tigi akkuzata b'diversi reati ta' natura serja u gravi, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tharbat l-investigazzjoni li qed issir billi zzomm lura milli tibghat certa informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti f'dak il-pajjiz."

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustifikat u qed jigi michud.

35. Finalment din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-atturi qed jitolbu wkoll it-thassir tas-sentenza appellata fejn gie ddikjarat li ma sabitx ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, din il-Qorti tosserva li fl-appell tal-atturi ma sarx aggravju fir-rigward, izda ghall-kompletezza din il-Qorti tghid li tikkondividi dak li sostnew il-konvenuti fir-rigward, jigifieri, li l-ordni ta' frizar m'hijiex vjolattiva tad-dritt fundamentali tal-atturi protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni, stante li din, kontrarjament ghal konfiska, ma tipprivax lill-

atturi minn hwejjighom izda hija biss mizura kawtelatorja sakemm jigu konkluzi l-proceduri kriminali fil-Kazakistan, hija mizura legali li ghandha ghan legittimu fl-interess pubbliku, u hija proporzjonata ghal dan il-ghan.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tilqghu limitatament kif ser jinghad u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi: tehles lill-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali mill-harsien tal-gudizzju; tqis li l-informazzjoni li ngabret fl-assenza tal-atturi jew ta' rapprezentant taghhom fil-mument li bdew il-proceduri kriminali kontra taghhom u ghalhekk wara li saru akkuzati ngabret bi ksur tad-dritt fundamentali tal-atturi a tenur tal-Artikolu 6 tal Konvenzjoni u ghalhekk, m'ghandhiex tinbaghat lejn il-Kazakhstan izda ghandha tingabar mill-gdid fil-prezenza tal-attrici jew rapprezentant taghha; li l-gbir ta' xhieda fil-prezenza tal-attrici jew rapprezentant taghha ma tkunx bi ksur tad-dritt fundamentali tal-attrici ghal smigh xieraq u ghalhekk ma hemmx ostakolu legali sabiex dik l-informazzjoni hekk migbura tintbaghat il-Kazakhstan.

Tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tichdu fl-intier tieghu.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi filwaqt li l-ispejjez tal-appell tal-konvenuti ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlieta minn kwart [3/4] mill-konvenut Avukat Generali, filwaqt li r-rimanenti kwart [1/4] ghandu jkun a kariku tal-attrici; l-ispejjez tal-appell tal-atturi ghandhom jigu sopportati mill-attrici fl-intier taghhom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm